MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tat-3 ta' Lulju, 2017

Rikors Maħluf Numru 392/17LM

**Joseph (K.I. 123456M) u Antida (K.I. 429159M) konjuġi Borg**

***vs.***

**Carmel Mangion (K.I. 110160M) għan-nom u fl-interess tas-soċjetà E & C Developments Limited (C 15633)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Maħluf ippreżentat minn **Joseph u Antida konjuġi Borg** (minn issa 'l quddiem "l-atturi") fil-5 ta' Mejju, 2017, u maħluf minn Joseph Borg, li jgħid kif ġej:

***Dikjarazzjoni***

1. *Illi nhar il-ħmistax (15) t'Ottubru tas-sena elfejn u tlettax (2013) permezz ta' skrittura privata (immarkata DOK. A[1]) is-soċjetà intimata ddikjarat ruħha vera ċerta u likwida debitriċi tar-rikorrenti fis-somma ta' ħamsin elf euro (€50,000) liema somma kienet ingħatat lill-istess soċjetà brevi manu fis-snin preċedenti għall-iskrittura msemmija;*

2. *Illi dina s-somma ta' €50,000 hekk vera, likwida u ċerta kellha titħallas lura mis-soċjetà intimata lir-rikorrenti fi żmien sena mid-data tal-iskrittura u cioè sal-ħmistax (15) t'Ottubru, tas-sena Elfejn u Erbatax (2014) mingħajr imgħax, u dan skont l-istess skrittura privata annessa ma' dana r-rikors ġuramentat;*

3. *Illi wkoll skont l-istess skrittura privata magħmula bejn il-partijiet, mill-ħmistax (15) t'Ottubru, tas-sena elfejn u erbatax (2014) bdew jiddekorru interessi bir-rata ta' sitta fil-mija (6%) fuq l-ammont dovut hekk mhux imħallas;*

4. *Illi minkejja d-diversi tentattivi da parti tar-rikorrenti sabiex jitħallsu lura s-somma mgħoddija, inkluż l-ittra uffiċjali interpellatorja datata s-sittax (16) ta' Marzu, elfejn u sbatax (2017) (immarkata DOK. B[2]), minnhom lis-soċjetà intimata, ir-rikorrenti baqgħu ma tħallsux l-ammont lilhom dovut;*

5. *Illi r-rikorrenti jiddikjaraw ai termini tal-Artikolu 167(1) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, illi safejn jafu huma, s-soċjetà intimata m'għandha ebda eċċezzjoni x'tagħti kontra t-talba li qed issir f'dana r-rikors u għalhekk dina l-kawża għandha tiġi deċiża bid-dispensa tas-smigħ tal-kawża;*

6. *Illi dawn il-fatti kif hawn dikjarati huma a diretta konoxxenza tar-rikorrenti.*

***Raġuni tat-Talba:***

*Illi r-rikorrenti kellhom jippreżentaw dawna l-proċeduri għaliex minkejja li interpellaw lis-soċjetà intimata diversi drabi għall-ħlas lura tas-somma lilhom dovuta, ta' ħamsin elf euro (€50,000) oltre l-imgħaxijiet li ddekorrew u li se jiddekorru sad-data tal-pagament effettiv, is-soċjetà intimata dejjem baqgħet inadempjenti u ma resqet qatt sabiex tħallas is-somma minnha dovuta.*

[1] *A fol.* 6.
[2] *A fol.* 7. Ara ukoll Dok. Ċ, evidenza tan-notifika tal-ittra interpellatorja tal-attur lis-soċjetà konvenuta, *a fol.* 8.

***Talbiet:***

*Għaldaqstant tgħid għalhekk is-soċjetà intimata għaliex din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex:*

1. *Tiddeċiedi bid-dispensa tas-smigħ tal-kawża u dan ai termini tal-Artikolu 167(1) peress li l-ammont ta' ħamsin elf euro (€50,000) li qed jiġi mitlub hu wieħed veru, ċert u likwidu;*

2. *Tiddikjara lis-soċjetà intimata vera, ċerta u likwida debittriċi versu r-rikorrenti tas-somma ta' ħamsin elf euro (€50,000) u dan skont l-iskrittura privata datata l-ħmistax (15) t'Ottubru, elfejn u tlettax (2013);*

3. *Tikkundanna lis-soċjetà intimata tħallas lir-rikorrenti l-imsemmija somma ta' ħamsin elf euro (€50,000) hekk likwidata;*

4. *Bl-ispejjeż kollha inklużi dawk tal-Ittra Uffiċjali tas-sittax (16) ta' Marzu, elfejn u sbatax (2017), tal-Mandat ta' Sekwestru numru 685/17 kontra l-istess soċjetà intimata u bl-imgħax bir-rata ta' sitta fil-mija (6%) mill-ħmistax (15) t'Ottubru tas-sena elfejn u erbatax (2014), sad-data tal-pagament effettiv bis-soċjetà intimata li ġiet inġunta għas-subizzjoni.*

5. *B'riserva ta' kull dritt, rimedju, u azzjoni legali ulterjuri, li r-rikorrenti għandhom jew jista' jkollhom kontra s-soċjetà intimata inkluża azzjoni għad-danni riżultanti mill-aġir tal-istess soċjetà intimata.*

Rat id-digriet tagħha tal-15 ta' Mejju 2017, fejn wara li rat l-artikoli 167 *et seq* tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, appuntat il-kawża għas-seduta tat-2 ta' Ġunju, 2017.

Rat illi s-soċjetà konvenuta ġiet notifikata bir-Rikors Maħluf fil-31 ta' Mejju, 2017.

Rat il-verbal tal-udjenza tat-2 ta' Ġunju, 2017 fejn ingħata terminu ta' ġimagħtejn lis-soċjetà konvenuta sabiex tirregola ruħha dwar jekk hijiex ser tagħmel sottomissjonijiet fuq jekk għandhiex eċċezzjonijiet xi tressaq f'din il-

kawża u fejn il-kawża tħalliet għas-seduta tad-19 ta' Ġunju, 2017 għal dan l-iskop.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti.

Semgħet ix-xiehda tal-attur **Joseph Borg** li kkonferma li mid-data li ġie intavolat ir-Rikors Maħluf, il-bilanċ baqa' l-istess u ma sar ebda ħlas mis-soċjetà konvenuta.

Semgħet lill-avukat difensuri tal-partijiet.

Rat id-digriet tagħha fl-udjenza tad-19 ta' Ġunju, 2017 fejn qieset li s-soċjetà konvenuta ma kellha ebda eċċezzjonijiet xi tressaq u fejn il-kawża tħalliet għas-sentenza għal-lum.

**Ikkunsidrat:**

Illi wara li rat is-subartikolu (1) tal-Artikolu 170 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta dwar smigħ ta' kawżi bil-proċedura sommarja, komunement magħrufa bħala bil-giljottina, u tenut kont li l-ammont dovut fir-Rikors Maħluf ġie debitament irrikonfermat mill-attur Joseph Borg bil-ġurament tiegħu tant li

mill-preżentata tar-Rikors Maħluf is-soċjetà konvenuta baqgħet ma effetwat l-ebda pagament lill-atturi.

Illi għaldaqstant din il-Qorti hi sodisfatta li l-atturi ppruvaw il-każ tagħhom skont il-liġi.

**Decide**

**Għaldaqtant għar-raġunijiet fuq premessi, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża kif ġej:**

**1. Tilqa' l-ewwel talba tal-atturi u taqta' l-kawża bid-dispensa tas-smigħ u dan a tenur tal-artikolu 167 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta);**

**2. Tiddikjara li s-soċjetà konvenuta E & C Developments Limited hi debitriċi fil-konfront tal-atturi fis-somma ta' ħamsin elf Euro (€50,000);**

**3. Tikkundanna lis-soċjetà konvenuta E & C Developments Limited tħallas lill-atturi s-somma ta' ħamsin elf Euro (€50,000);**

**4. Tikkundanna lis-soċjeta konvenuta tħallas l-imgħax fuq is-somma ta' €50,000 bir-rata ta' sitta fil-mija (6%) mill-15 ta' Ottubru, 2014 sad-data tal-pagament effettiv.**

**Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali tas-16 ta' Marzu 2017 u tal-Mandat ta' Sekwestru numru 685/17 kontra l-istess soċjetà E & C Developments Limited.**

Moqrija.